Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 3/2017/1

**Dr Jason Azzopardi (appellant)**

**Vs**

**Dr Owen Bonnici (appellat)**

30 ta' Lulju, 2019.

1. L-attur ħarrek lill-konvenut quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli waqt diskors li sar fis-7 ta' Jannar, 2017 qal kliem malafamanti fil-konfront tiegħu.

2. Il-konvenut ddefenda lilu nnifsu billi sostna li:

   i. Id-diskors mhuwiex libelluż;
   ii. Id-diskors kien biss espressjoni ta' opinjoni u apprezzament, jew value judgment, u huwa fair comment fuq materja ta' interess pubbliku, fuq fatti sostanzjalment veri.

3. B'sentenza tal-10 ta' Jannar, 2019 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ċaħdet it-talba tal-attur.

4. B'rikors preżentat fit-23 ta' Jannar 2019 l-attur appella mis-sentenza fejn baqa' jinsisti li qatt ma ltaqa' ma' Nazzareno Vassallo u qallu li ser ifittxu kompromess.

5. Il-każ hu dwar art ta' l-Istabal, Qormi. Art tal-Gvern li kienet ingħatat b'enfitewsi perpetwa lil LBM Breweries Limited (kuntratt tat-13 ta' Novembru, 1990) bil-kundizzjoni li:-

> *"1. The emphyteuta shall use the site for industrial puroposes specifically for the production of alcoholic and non-alcolholic beverages .......".*

6. Fit-3 ta' Diċembru 2009 il-Gvern ittrasferixxa d-dirett dominju lill-istess kumpannija u fih kien dikjarat li l-Gvern qiegħed, ***"jirrinunzja għall-kundizzjonijiet kollha imsemmija fl-istess kuntratt hawn fuq imsemmi"***. Ir-riferenza hi għall-kuntratt ta' enfitewsi perpetwa tat-13 ta' Novembru, 1990.

7. Inqalgħet kwistjoni dwar ir-rinunzja tal-kundizzjonijiet li jissemmew fil-kuntratt tat-13 ta' Novembru, 1990 wara li saru mistoqsijiet parlamentari li eventwalment wasslu sabiex id-Dipartiment tal-Artijiet isostni li l-kuntratt kien null peress li ma ġietx segwita l-proċedura kontemplata fl-Att dwar it-Trasferiment tal-Artijiet tal-Gvern (Kap. 268).

8. Fl-20 ta' Mejju, 2011 il-Kummissarju tal-Artijiet ippreżenta ittra uffiċjali kontra Cater Group Ltd (qabel kien jisimha LBM Breweries Ltd) fejn infurmaha dwar il-kwistjoni u nterpellaha sabiex tersaq għar-rexxissjoni tal-kuntratt.

9. Eventwalment kien intleħaq ftehim bejn il-Gvern u Cater Group Ltd li bih kienu inkarigati tlett periti sabiex jagħmlu stima tal-valur tal-art libera u franka fis-sena 1990. Il-valur stabbilit kien ta' €706,400. Somma li tnaqqset minn dak li tħallas lill-Gvern fuq il-kuntratt tat-13 ta' Novembru, 1990 (€465,874.67), b'total ta' **€240,526.33**. Dik is-somma tħallset lil Gvern bħala kumpens għat-tneħħija tal-kundizzjoni riprodotta hawn fuq, billi kienet trasferiti immobbli lill-Gvern.

10. F'diskors li għamel fis-7 ta' Jannar, 2017 il-konvenut qal li Nazzareno Vassallo kien mar jiltaqa' mal-attur li qallu li kienu ser ifittxu kompromess:

> *"Imma jiena qiegħed f'pozizzjoni li ngħid, aħna qegħdin f'posizzjoni li ngħidu, ili għandna informazzjoni bil-ġurament, nerġa ngħid,* ***illi meta Zaren Vassallo irċieva dik l-ittra mill-Kummissarju tal-Artijiet mar għand Jason Azzopardi u Jason Azzopardi****, li l-ħin kollu jippriedka fuq il-good governance u jagħmel dak il-wiċċ ta' kanonku, ....* ***dan l-istess wieħed li jgħajjar lil kulħadd korrott, dan il-bniedem lil Zaren Vassallo qallu 'insibu kompromess'****".*

11. Jidher li l-konvenut kien qiegħed jirreferi għal dak li xehed Nazzareno Vassallo waqt kontro-eżami fil-kawża **Vassallo Builders Group Ltd vs Marsovin Limited et** (51/2003) quddiem il-Prim'Awla, meta fis-seduta tas-16 ta' Ġunju, 2015 xehed:

> *"Xhud: Għal Lands,* ***irċevejt risposta mil-Lands għax jiena tkellimt u anke kont mort għand il-Ministru responsabbli dak iż-żmien u r-risposta kienet dan pero lesti li npoġġu madwar mejda u nsibu kompromess****. Jiena dejjem bqajt nieħu l-attitudni isma' jekk dan huwa żball tagħkom m'għandix għalfejn inħallas għalih jien għax huma qalu għax għamilna żball fl-attitudni kif imxew huma. Imbagħad kien hemm suġġeriment illi nagħmlu arbitraġġ, u jien qbil mal-idena u ftehemna fuq chairman ta' dan l-arbitraġġ li kien il-Professur Torpiano u ż-żewġ naħat kellhom jinnominaw perit kull wieħed".*

12. Fl-affidavit li ppreżenta l-istess xhud fl-istess kawża, m'għamel ebda riferenza għal xi laqgħa mal-konvenut. Qal:-

> *"37. Fid-dawl tal-parir mogħti lilna minn Dr Sciberras, jiena u Dr Aldo Vella ltqajna mal-Kummissarju tal-Artijiet u mad-Direttur Ġenerali biex nipprovaw insibu soluzzjoni.*
>
> *38. Wara numru ta' laqgħat aħna w il-Kummissarju tal-Artijiet, u Direttur Ġenerali Iman Schembri, qbilna li jitqabbad panel ta' tlitt periti wieħed magħżul minnha, ieħor magħżul mil-Lands Department u ftehmna fuq iċ-Ċhairman li jkun il-Professur Alex Torpiano bl-inkarigu li jaghmlu eżerċizzju u joħorġu bi stima li huma jidhrilhom tkun ġusta, mhux għal fidi taċ-ċens (għaliex dak diġa kien tħallas) iżda speċifikatament għat-tneħħija tal-imsemmija kondizzjonijiet li kien hemm fil-kuntratt tal-1990".*

13. Hu ovvju li fid-diskors il-konvenut ikkritika lill-attur talli waqt laqgħa li kellu ma' Nazzareno Vassallo, qallu *'insibu kompromess'*. Il-posizzjoni li ħa l-konvenut kienet li bl-intervent tal-attur, kien instab kompromess. Id-dikjarazzjoni tal-konvenut li l-attur qal lil Vassallo *'insibu kompromess'*, hu *statement of fact* u mhux opinjoni.

14. Fatt hu jew veru jew mhux veru. Il-prova tal-verita li:

i. Saret laqgħa bejn Nazzareno Vassallo u l-attur; u

ii. L-attur qal lil Nazzareno Vassalo *'insibu kompromess'*;

kellha ssir mill-konvenut. Min jallega jrid jipprova.

15. Il-konvenut ma ħarrikx lil Nazzareno Vassallo bħala xhud. Hu ovvju li l-konvenut qiegħed jibbaża ruħu fuq dik il-parti tad-deposizzjoni ta' Nazzareno Vassallo, riprodotta f'paragrafu ħdax ta' din is-sentenza.

16. Fit-tweġiba tal-appell, il-konvenut qal:-

> *"11.... Vassallo qal li għall-ewwel il-Lands riedu kumpens ta' aktar minn €900,000 biex ineħħu l-kundizzjoni. Hawnhekk il-Qorti staqsietu "meta tgħid dawn Sur Vassallo, għal min qed talludi ?" U Zaren Vassallo qal li r-risposta tad-€900,000 kienet mingħand il-Lands iżda żied li kien anke mar "għand il-Ministru responsabbli dak iż-żmien u r-risposta kienet dan pero lesti li npoġġu madwar u nsibu kompromess". U kien hawn li sar qbil li jaħtru tlett periti biex jagħtuhom valur u fuq dak il-valur ftehim".*

17. Dwar dak li xehed Nazzareno Vassallo, il-qorti tosserva:

i. Mhuwiex ċar meta Nazzareno Vassallo kien iltaqa' mal-Ministru;

ii. Mis-sena 2008 l-attur kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju Parlamentari, u d-dmirijiet tiegħu kienu jinkludu l-Artijiet. Fis-6 ta' Jannar 2012 l-attur inħatar Ministru għall-Kompetizzjoni Ġusta u Konsumaturi. Ir-responsabbiltajiet tiegħu kienu jinkludu l-Artijiet.

iii. Jirriżulta li l-periti li kienu ġew inkarigati sabiex jagħmlu stima, għamlu rapport datat 30 ta' Jannar, 2012. Il-periti kienu ġew avżati bl-inkarigu permezz ta' email datata 17 ta' Diċembru, 2011 mibgħuta mid-Direttur Ġenerali tal-Government Property Department. It-talba kienet sabiex jagħmlu stima tal-valur tas-suq tal-art **fis-sena 1990**, mingħajr il-kundizzjoni fuq imsemmija.

iv. Sal-bidu ta' Jannar 2012, l-Artijiet kienu parti mid-dekasteru tal-Ministru tal-Finanzi. Mhemmx prova li Tonio Fenech, li dak iż-żmien kien Ministru tal-Finanzi, qatt kien ġie nvolut fil-kwistjoni li nqalgħet wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt tat-3 ta' Diċembru, 2009.

v. Hemm prova li l-attur kien ġie involut bil-kwistjoni li nqalgħet wara l-kuntratt tat-3 ta' Diċembru, 2009. Fil-fatt f'minuta tas-7 ta' Marzu, 2011 l-attur kiteb lid-Direttur Ġenerali dwar il-kwistjoni u nfurmah:

> *"In vista tal-laqgħa li kellna dwar il-fidi taċ-ċens u l-bejgħ tad-directum dominus,* ***naħseb li għandek tibda l-proċess sabiex, wara d-debitu parir tal-A.G., l-GPD jieħu l-passi legali opportuni****"*.

18. Għall-qorti minn qari tal-parti rilevanti tad-deposizzjoni ta' Vassallo, mhemmx iċ-ċertezza li Vassallo xehed li l-attur kien qallu li kienu lesti li jpoġġu madwar mejda u jsibu kompromess. Vassallo xehed li kien irċieva risposta mill-Lands, u r-risposta kienet li *"lesti li npoġġu madwar mejda u nsibu kompromess"*. Pero' kien f'dik il-parti tad-deposizzjoni li semma li kien tkellem ukoll mal-Ministru responsabbli għall-artijiet tal-Gvern. Għalhekk wieħed jista' jifhem li x-xhud kien qiegħed igħid li l-*'Ministru responsabbli'* kien ukoll dispost li jsiru diskussjonijiet bil-għan li jinstab kompromess. Mis-sentenza tal-ewwel qorti hu evidenti li hekk fehmet dik il-parti tad-deposizzjoni ta' Vassallo tas-16 ta' Ġunju 2015 fil-kawża 51/2013 (ara paragrafu 6 u 7 tas-sentenza).

19. Hu veru li bejn is-7 ta' Marzu, 2011 u l-5 ta' Jannar, 2012 l-attur ma kienx Ministru. Pero' hu veru wkoll li l-ftehim finali intleħaq meta l-attur kien Ministru, u l-provi li hemm fl-atti jindikaw li hu kien il-persuna involuta fil-kwistjoni meta fi Frar 2011 Albert Mamo kien ikkomunika miegħu sabiex jinfurmah b'dak li kien ġara fil-kuntratt tat-3 ta' Diċembru, 2009. Mhemmx provi li l-Kummissarju tal-Artijiet jew id-Direttur Ġenerali qatt iddiskutew il-każ mal-Ministru tal-Finanzi.

20. Fil-fehma tal-qorti sabiex jiġi determinat jekk il-konvenut huwiex responsabbli għall-malafama fil-konfront tal-attur, wieħed irid jaqra d-diskors sħiħ tal-konvenut fil-*press conference* tas-7 ta' Jannar, 2017 u jikkunsidra provi oħra, u mhux biss jillimita ruħu għal dik il-parti li ndika l-attur meta xehed.[1] Il-konvenut

[1] L-attur xehed, *"Hija gidba faħxija li jiġi Owen Bonnici jgħid li jien ltqajt ma' Zaren Vassallo biex insibu kompromess"* (fol. 28).

kien qiegħed jikkritika lill-attur fl-attitudni tiegħu għal dak li għandu x'jaqsam ma' *good governance*. Il-messaġġ kien li filwaqt li l-attur kien jikkritika lil ħaddieħor b'korruzzjoni, f'dan il-każ l-attur kien lest jasal f'kompromess b'valur tal-1990. Fil-fatt fid-diskors il-konvenut qal (fol. 32):

> *"U sabuh il-kompromess għaliex ħatru tliet periti: wieħed minnhom, iċ-ċhair, Alex Torpiano, l-ieħor magħżul minn Zaren Vassallo u l-ieħor magħżul mill-Gvern. Ħatru dawn it-tlett periti u stmaw il-kundizzjonijiet bil-valur tan-1990. Qiesni jien, nerġa' ngħid, ħa nbiegħ lil Maria l-proprjeta tiegħi, ngħidilha pero' 'Maria ta, għax jien qalbi tajba, mhux bil-valur tal-lum ta' ħa nbiegħlek bil-valur tan-1990'. Dan huwa Jason Azzopardi"*.

21. L-argument kien li l-Gvern qatt ma messu wasal f'kompromess fuq valur tal-1990 stante li r-rinunzja tal-kondizzjoni sare fis-sena 2009, ċjoe' kważi għoxrin sena wara meta ma kienx hemm paragun fil-valur tal-proprjeta.

22. Hemm prova li fis-seduta tal-Kamra tad-Deputati tad-19 ta' Diċembru, 2016 kien tpoġġa fuq il-mejda r-rapport tal-Awditur Ġenerali li sar wara investigazzjoni fuq talba tal-Public Accounts Committee (Ġunju, 2015). Minn dak ir-rapport irriżulta li kienu saru diskussjonijiet bejn il-Gvern u Care Group Limited bil-għan li jintleħaq ftehim, u l-attur kien qiegħed jinżamm infurmat bl-iżviluppi (ara per eżempju paragrafu 2.5.3). Rapport li kien l-attur stess li ppreżenta u li fih jingħad:

- Skont dokumenti li raw uffiċjali tal-NAO, l-attur *"2.5.2 .... had directed the CoL to hold discussion with Cater Group Ltd in order to rectify the error committed through the contract of redemption"*;
- Wara li l-Gvern ippreżenta l-ittra uffiċjali tal-20 ta' Mejju 2011, il-Kummissarju tal-Artijiet kien indika lil NAO *"2.5.3 .... **Cater Group Ltd had approached the Minister MFCC, who in turn instructed the CoL to discuss matters with the Company with a view to finding a possible solution**. This was corroborated by the DG GPD"*. Fatti li kienu kontestati mill-attur, għalkemm *"the Minister MFCC maintained that he was not party to these discussions, **yet was informed of developments**"*. Hawnhekk ir-riferenza hi għall-attur. Minn dan ir-rapport jirriżulta li l-attur stess kien

iddikjara mal-Uffiċċju tal-Awditur li kien jaf li għaddejjin diskussjonijiet bil-għan li jintleħaq ftehim;

- F'laqgħa mal-NAO, **l-attur ma kienx eskluda li kien infurmat dwar it-twaqqif ta' Kumitat kompost minn tlett periti sabiex jagħmlu stima**. F'dan kien hemm involut ukoll il-Kummissarju tal-Artijiet, li kien inizjalment għarraf lill-attur b'dak li kien ġara fit-3 ta' Diċembru, 2009 u li fil-fehma tiegħu l-kuntratt li sar fl-2009 kien kontra l-liġi (Kap. 268). Għalhekk probabbilment id-Direttur Ġenerali u/jew Kummisarju kienu nfurmaw lill-attur bl-eżerċizzju li kellu jsir.
- Għalkemm l-attur insista mal-NAO li fiż-żmien rilevanti ma kienx involut *"2.5.12 .... in setting the parameters and was not aware of the application of the 1990 rates at the time; however he vehmently argued that the application of the 1990 rates was legally sound and just, basing his argument on the fact that the Company had been the emphyteuta of the land since 1990 and that valuing the site at current rates would have constituted 'unjustified enrichment' by Government"*.

23. Mir-rapport tal-NAO hu evidenti li wara l-minuta tas-7 ta' Marzu 2011 l-attur ma kienx kontra li jintleħaq ftehim ma Cater Group Limited. Dan minkejja li l-attur xehed: *"Jiena l-aħħar darba li jiena dħalt f'dan il-każ kien fis-7 ta' Marzu 2011 meta jien għamilt il-minuta ......"* (fol. 28), fejn ta lill-ewwel qorti x'tifhem li ma kellu xejn iktar x'jaqsam mal-każ. F'dak ir-rigward dak li xehed fil-qorti ma jaqbilx ma' dak li qal lill-NAO u li ssemma hawn fuq.

24. Ir-rapport tal-NAO hu fih innifsu prova. Rapport li sar wara investigazzjoni twila u li fiha l-attur kien wieħed mill-persuni intervistati.

25. Il-qorti ma temminx li l-attur ma kienx jaf li għaddejin diskussjonijiet ma' Cater Group Limited u f'liema direzzjoni kienu sejrin. Dan meta tqies dak li diġa ntqal dwar dak li hemm miktub fir-rapport tan-National Audit Office, u li kien il-Kummissarju tal-Artijiet (Albert Mamo) li xehed li kif sar jaf b'dak li kien sar fil-kuntratt tal-2009 (fol. 87):

*"Ċempilt mill-ewwel lil Ministru, għidtlu isma', dak iż-żmien kien Dr Jason Azzopardi, għidtlu isma' ġara hekk, hekk u hekk. Għidtlu dan li spiċċaw li dawn fdew iċ-ċens, ħadu art ta' 25 tomna biex jagħmlu fabbrika u issa dawn ġew għandhom biċċa art jistgħu jużawha għal x'hiex iridu u sempliċiment 240 thousand li ħallsu biex fdew iċ-ċens. Għidtlu li din ma jistax ikun. Għidtlu din indirettament kontra l-Lands Disposal Act".*

26. Sussegwentement fis-7 ta' Marzu, 2011 l-attur kien ordna lid-Direttur Ġenerali sabiex jittieħdu passi legali fir-rigward tal-kuntratt tat-3 ta' Diċembru, 2009. Kien hemm ukoll parir legali tal-Avukat Ġenerali lill-Kummissarju tal-Artijiet li seta' jmexxi bi proċeduri legali. L-attur stess għarraf lil NAO li kien infurmat bl-iżviluppi. Il-qorti ssib li probabbilment l-attur kien qiegħed ikun infurmat b'dak li għaddej fid-diskussjonijiet, iktar u iktar meta tikkunsidra li kien ta ordni ċara lid-Direttur Ġenerali sabiex jibda proċeduri legali sabiex jitħassar dak li kien sar fit-3 ta' Diċembru, 2009. F'dak ix-xenarju l-qorti ma tistax tasal biex temmen li l-Kummissarju tal-Artijiet u d-Direttur Ġenerali daħlu f'diskussjonijiet u waslu f'arranġament ma' Care Group Limited minn wara dahar l-attur, meta kien l-attur stess li ta ordni ċara li kellhom jittieħdu proċeduri legali. Wara kollox l-attur kien is-superjur tagħhom u lilu kellhom jirrispondu. Il-qorti mhijiex ser temmen li Albert Mamo u d-Direttur Ġenerali marru kontra l-ordni tas-superjuri tagħhom u minflok minn jeddhom, *"... ipperswadejnihom li nagħmlu emenda billi nieħdu prezz, nieħdu prezz ta' dik il-kundizzjoni li kienet tgħid li ......"*. Tant kienet serja l-materja li Albert Mamo stess xehed li kif sar jaf bil-kuntratt pubblikat fis-sena 2009, *"Ċempilt mill-ewwel lill-Ministru, għidtlu isma, dak iż-żmien kien Dr Jason Azzopardi ...."*. Għalhekk l-attur kien ġie involut mill-bidunett li Mamo sar jaf b'dak li kien sar fid-Dipartiment fl-assenza tiegħu, u daqstant ieħor il-probabbilta hi li kien qiegħed jiġi nfurmat bin-negozjati u ftehim aħħari li ntlaħaq ma' Care Group Limited.

27. Dan apparti probabbilment wara l-ordni tas-7 ta' Marzu 2011 l-attur ħa l-inizjattiva li jżomm ruħu aġġornat b'dak li kien qiegħed jiġri dwar dan il-każ li kien tqajjem fil-Kamra tad-Deputati u fil-media. Wara kollox hu stess xehed li kien jaf li ġiet preżentata ittra uffiċjali mill-Kummissarju tal-Artijiet. Fatt ieħor li fih innifsu jindika li kien qiegħed isegwi x'qed jiġri.

28. Il-qorti tikkonkludi ukoll li kif l-attur kien qiegħed jiġi nfurmat bl-iżviluppi, daqstant ieħor ġie nfurmat bl-eżerċizzju li kellu jsir sabiex jiġi stabbilit il-valur tal-art u bid-dettalji tal-ftehim li kien qiegħed jiġi propost. Dan apparti li fir-rapport tal-NAO stess jingħad li l-attur, *"**vehmently** argued that the application of the 1990 rates was legally sound and just"*. Min ma kienx infurmat bil-metodu sabiex jiġi stabbilit il-kumpens li kellu jitħallas lill-Gvern, ma kellux għalfejn joqgħod jiddefendi b'saħħa l-metodu li ntuża meta intervistat mill-NAO.

29. Min jagħżel ħajja fil-politika jrid ikun lest li jkun suġġett għall-kritika li taf tkun ħarxa. Dak kollu li ġara **mis-7 ta' Marzu, 2011** (data meta l-attur ordna li jittieħdu passi legali) **sal-5 ta' Ġunju, 2012** (data meta kien pubblikat il-kuntratt li bih intleħaq kompromess bejn il-Gvern u Cater Group Ltd) seħħ fil-perjodu meta l-attur kien Segretarju Parlamentari u Ministru responsabbli għall-artijiet tal-Gvern. Irid u ma jridx l-attur kellu jġorr ir-responsabbilta' politika għal dak li kien qiegħed jiġri *under his watch*.

30. Għall-qorti hu ovvju li stima tal-valur tal-art fis-suq fl-1990 għall-każ li nqala' fl-fi Frar 2011 (ara deposizzjoni tal-attur, fol. 26), kienet ser twassal għall-kritika qawwija ladarba toħroġ fil-pubbliku, meta tqies li:-

- Il-persuna wara l-kumpannija Cater Group Ltd kien Nazzareno Vassallo, persuna li kien midħla tal-Partit Nazzjonalista;
- It-trasferiment tad-dirett dominju sar fit-3 ta' Novembru, 2009 u kien dakinhar li tneħħiet il-kundizzjoni li kien hemm fil-kuntratt tal-1990 li l-art tintuża biss, *"1.....for industrial purposes specifically for the production of alcoholic and non-alcoholic beverages"*.
- It-tneħħija ta' dik il-kundizzjoni fisser li seta' jsir negozju bejn kumpanniji privati, b'valur ta' tmien miljun ewro (€8,000,000) (ara paragrafu 2.3.7 tar-rapport tal-awditur) u l-art tintuża għal kwalsiasi skop li jidhirlu l-akkwirent. Mingħajr it-tneħħija ta' dik il-kundizzjoni n-negozju ma kienx iseħħ (ara per eżempju affidavit ta' Nazzareno Vassallo fl-atti tal-kawża 51/2013).

- Il-kompromess li ntleħaq bejn il-Gvern u Cater Group Ltd wassal sabiex fil-5 ta' Ġunju, 2012 il-Gvern irċieva ħlas ta' €240,525.33 fi proprjeta li ġiet trasferita lilu minn Vassallo Builders Group. Dan bażat fuq stima tal-valur tal-art fis-suq fis-sena 1990 meta r-rinunzja tal-kundizzjoni saret fl-2009, ċjoe kważi għoxrin (20) sena wara meta ovvjament il-valur tal-proprjeta kien bla dubju żdied konsiderevolment.

31. Għall-qorti mhemmx dubju li l-attur bħala segretarju parlamentari u mbagħad bħala Ministru, kien aċċetta li:

i. sseħħ transazzjoni ma' Cater Group Limited. Transazzjoni li kienet tfisser li l-Gvern ma jkomplix bil-passi legali li kien ordna l-attur fis-7 ta' Marzu, 2011.
ii. il-kompromess ikun li l-Gvern jirċievi kumpens ta' €240,525.33 fi proprjeta.

32. Mhuwiex rilevanti jekk qattx saret laqgħa bejn l-attur u Vassallo li fiha l-attur qallu li se jfittxu kompromess. Il-verita' jafuha biss l-attur u Vassallo. Wieħed irid jara *the larger picture*, ċjoe li l-attur kien jaf bid-diskussjonijiet li kienu għaddejjin bil-għan li jintleħaq ftehim ma Care Group Limited. Il-qorti diġa' kkonkludiet li probabbilment kien jaf ukoll bil-ftehim aħħari li kien intleħaq bejn il-Gvern u Cater Group Limited, fi żmien meta kien jokkupa l-kariga ta' Ministru responsabbli wkoll mill-artijiet tal-Gvern. Mhemmx provi li oġġezzjona għall-ftehim. B'hekk irrispettivament l-attur qalx personalment lil Vassallo li ser ifittxu kompromess, meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ntqal hawn fuq, dak il-fatt waħdu mhuwiex biżżejjed sabiex il-qorti tikkonkludi li l-konvenut hu ħati ta' malafama. Dawk il-kliem kienu jkun rilevanti biss kieku mill-provi rriżulta li dak kollu li sar wara l-ittra uffiċjali tal-20 ta' Mejju 2001 sal-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-5 ta' Ġunju 2012, sar kollu minn wara dahar l-attur. Pero' l-provi jagħtu stampa għal kollox differenti. Fiċ-ċirkostanzi l-attur ma jistax jingħata raġun.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.